MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Talba Numru. 655/2006

**Talba Nru: 655/06VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655)

Vs

Brian Bartolo

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ mitejn u wiehed u disghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm291.81) liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skond Client Contract number 200865 in rigward ta’ servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici fix-xhur bejn Novembru

2004 u April 2005. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Settembru 2005, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, dawk ta’ l-ittra ufficjali lil banek relattiva ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Marzu 2008.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mija u disa u sebghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€679.73), ekwivalenti ghal Lm291.81 kif mitluba fl-Avviz, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------